**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2016

Talba Numru: 418/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 20

**GO plc – C22334**
**Fra Diego Marsa MRS 1501**

**vs**

**Grech Liza Joan (ID 444491M)**
**Flat 3, Blokk G,**
**Triq il-Jum,**
**Marsa**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 ta’ Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta` talbet il-hlas ta’ elf, sitt mija u sittin ewro u tmenin centezmu (€1,660.80c) liema ammont huwa in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40143208) moghti mis-Socjeta attrici lill-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u sittin ewro u tmenin centezmu (€1,660.80c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta mis-26 ta' Mejju, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha f'din it-taba inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1010/14 huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**